**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Gimgha, sbatax (17) ta' Novembru, 2000 fid-9:00 am

Citazzjoni numru:709/94 VDG

Anthony Gaffiero

v.

Juanita Gaffiero nee' Sultana

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata minn Anthony Gaffiero fl-24 ta' Mejju, 1994 li biha, wara li ppremetta:-

Illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg taghhom fl-14 ta' Frar, 1987 kif jidher mid-dokument 'A' esebit mac-citazzjoni;

Illi mill-imsemmi zwieg huma kellhom zewgt itfal, James u Elsa, kif jidher minn dokumenti 'B' u 'C';

Illi l-kunsens tieghu, cioe` tal-attur, inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-konvenuta li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenuta inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null ai termini tal-artikolu 19(1)(c)(d) u (f) [tal-Kap. 255];

Premess dan kollu, l-attur talab lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-14 ta' Frar, 1987 huwa null u minghajr effett ghall-effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez u bil-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-10 ta' Awissu, 1994, li biha eccepiet:

"1. Illi hemm ragunijiet sufficjenti li tghid li z-zwieg in kwistjoni kien null, imma hija tirriserva li tispecifika ahjar il-motivazzjoni tan-nullita` jekk il-kawza tigi attribwita lilha.

"Salv eccezzjonijiet ohra.";

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi r-relazzjoni tal-perit legali Dott.sa Evelyn Caruana Demajo, ir-relazzjoni tal-perit psikjatra Dott. Joseph Pullicino (it-tnejn a fol. 58 tal-atti), u r-rapport tal-psikologa Mariella Blackman (fol. 78); rat in partikolari il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Novembru, 1999 (fol. 93) fejn, fost affarijiet ohra, jinghad hekk: "Ghal kull buon fini id-difensuri tal-partijiet jaqblu li l-Qorti tista' tiehu in konsiderazzjoni kemm ir-rapport tal-mejjet Dr. J. Pullicino kif ukoll ir-rapport ta' Dr. Evelyn Caruana Demajo u [tas-] Sinjura Mariella Blackman"; rat ukoll id-deposizzjonijiet kollha u z-zewg affidavits migbura mill-periti Caruana Demajo u Pullicino (fol. 58a); ikkunsidrat:

1. Qabel xejn il-Qorti tosserva li ghalkemm hemm prattikament ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenuta – ma tistax proprjament tissejjah ammissjoni "ghal kollox u bla ebda kundizzjoni" fit-termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 158 tal-Kap. 12 ghax il-konvenuta qed tirriserva li tispecifika r-raguni jew ragunijiet tan-nullita` fil-kaz li hi tigi addossata b'xi htija – din il-Qorti ma hiex ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara, *inter alia*, ***Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri***, P.A., 4/11/94; ***Carmel sive Charles Camilleri v. Teresa Camilleri***, P.A., 3/10/95; ***Evelyn Agius v. John Borg***, P.A., 4/10/95; ***Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri***, P.A., 10/11/95; ***Isabelle Zarb v. Stephen Attard***, P.A., 21/11/95; ***Terence Richard v. Maria Concetta Richard***, P.A., 22/2/96; u ***Samuela Lea Pavia v. John Pavia***, P.A., 20/5/96.)

2. Il-kawzali migjuba 'l quddem mill-attur ghall-annullament taz-zwieg minnu pretiz huma erbgha: (i) li l-kunsens tieghu nkiseb b'qerq fis-sens tal-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255; (ii) li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens tal-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-imsemmija disposizzjoni; (iii) li l-kunsens taghha kien vizzjat b'anomalija psikologika serja fis-sens tat-tieni parti tal-istess paragrafu (d); u, finalment, (iv) is-simulazzjoni da parti tal-konvenuta fis-sens tal-paragrafu (f).

3. Il-qofol ta' din il-kawza, kif tajjeb osservat il-perit legali fir-relazzjoni taghha, hi jekk il-konvenuta <u>fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali</u>, kienitx affetta minn anomalija psikologika serja li minhabba fiha kien <u>impossibbli</u> (mhux semplicement difficli) ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dwar dawn "l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg" din il-Qorti, fis-sentenza ***Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri*** (<u>supra</u>), kienet esprimiet ruhha f'dan is-sens: "*Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily*

*union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be* <u>*mutual*</u>*,* <u>*permanent*</u>*,* <u>*continuous*</u>*,* <u>*exclusive*</u> *and* <u>*irrevocable*</u> *so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics (Viladrich P.J.,* Matrimonial Consent *in* ***Code of Canon Law Annotated****, Caparros E. et al., ed., Wilson and Lafleur (Montreal), p. 687)*". (ara wkoll ***Anna Galea v. John Walsh***, P.A., 30/3/95). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin <u>fit-totalita` taghhom</u> sabiex tigi stabbilita bejniethom "the community of life and love". Ir-rwol tas-sesswalita` f'din l-ghotja gie mfisser tajjeb fis-sentenza tat-Tribunal Ekklesjastiku Malti tas-16 ta' Awissu, 1997, *coram* Bajada, riportata f' <u>Forum</u> 8 (1997) 2, pp. 409-440. F'din is-sentenza jinghad, *inter alia*, hekk: "*The expression* totius vitae consortium, *which marriage is, refers to a union in which husband and wife share in one destiny and are intimately united…this partnership takes up the whole personality of the spouses in all its dimensions, intellectual, volitive, affective, organic and sexual, so that it can really be called an intimate communion of life and love: "this* consortium *necessarily implies a communion in the intellectual, volitive-affective and organic or sexual spheres, in which the whole personality is involved, so that the conjugal covenant is rightly called "an intimate community of life and conjugal love""…An essential element of this marriage covenant is therefore the couple's sexual relationship. Time and again this Tribunal had occasion to recall the importance which sexuality has in the process of personal maturity as well as in the conjugal life of a married couple. That the human person is profoundly influenced by sexuality is scientifically proved. "Sexuality is a fundamental component of personality, one of its modes of being, of manifestation, of communicating with others, of feeling, of expressing and of living human love. Therefore it is an integral part of the development of the personality and of its educative process"…Sexuality characterises men and women not only on the physical level, but also on the psychological and spiritual, leaving its*

*mark on each of their expressions. Within the* consortium totius vitae, *therefore, sexuality takes on a very significant meaning. It becomes "the maximum expression on the physical level of the communion of love of the married". As such, "sexuality, by means of which man and woman give themselves to one another through the acts which are proper and exclusive to spouses, is by no means something purely biological, but concerns the innermost being of the human person as such. It is realised in a truly human way only if it is an integral part of the love by which a man and a woman commit themselves totally to one another until death. The total physical self-giving would be a lie if it were not the sign and fruit of a total personal self-giving, in which the whole person, including the temporal dimension, is present…"…The logical conclusion of this is that a serious failing would consequently render a person incapable of establishing a perpetual, conjugal, heterosexual interpersonal relationship in the sense we have described it above"* (pp. 412-418). Fi kliem iehor, hija l-fehma wkoll ta' din il-Qorti li jekk parti fiz-zwieg, minhabba xi anomalija psikologika serja, ma tkunx tista' taghti (mhux semplicement ma taghtix) lilha nnifisha fit-totalita` taghha lill-parti l-ohra b'mod permanenti, kontinwu u esklussiv – tali ghotja hi wahda mill-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg – allura, jekk tali anomalija tkun tissussisti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ikun hemm id-difett tal-kunsens ravvizat fit-tieni parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255.

4. Il-kontendenti izzewgu fl-14 ta' Frar, 1987 wara li kienu ilhom johorgu flimkien ghal kwazi tlett snin. Matul il-periodu tal-korteggjament ma hemm xejn x'wiehed jirrileva partikolarment, hlief ghall-fatt li meta kienu ghadhom gharajjes il-konvenuta kienet infurmat lill-attur li xi zmien qabel ma kienet bdiet tohrog mieghu hi kellha relazzjonijiet ta' certa intimita` ma zewg nisa. Ghalkemm dana l-fatt hasad xi ftit lill-attur, hu wasal ghall-konkluzzjoni li dawna r-relazzjonijiet kienu semplicement avventura taz-zghozija, u ghalhekk ma tax kaz aktar ta' dina l-informazzjoni. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li l-kontendenti verament kienu jhobbu lil xulxin. Ghalhekk huma zzewgu. Matul l-ewwel sentejn u nofs taz-zwieg huma kellhom zewgt itfal (imsemmija fic-citazzjoni).

5. Skond l-attur, sa mill-bidu taz-zwieg kien hemm certu nuqqas da parti tal-konvenuta mill-lat sesswali: "*Meta zzewwigna bdejt nara, fuq*

*periodu ta' zmien, li meta gejna ghall-intimita` ta' bejnietna,* hi ma *kienitx twiegeb ghall-istimoli sesswali normali. Affarijiet li jiena kien jidhirli li huma stimulanti ghat-tnejn li ahna, kienu jhallu effett ftit li xejn fuqha. Hi ma kienitx qed tirreciproka l-istess tip ta' sentiment. Din kienet* the general trend *tal-hajja intima taghna. Ghandi nghid li kien hemm drabi meta kellna relazzjoni sesswali li tidher minn barra li hi normali, biss normalment kien jigri illi jekk, ezempju, illum kellna* intercourse *ghas-sodisfazzjon tat-tnejn, l-ghada, meta jien nersaq lejha biex ikolli x'naqsam maghha u mmissha b'mod li nistimolha, kont nara li ma twegibx. Dan kien ikollu effett nagattiv fuqi u naturalment kont nibred u nispicca ddispjacut*" (seduta nru. 2). Fis-seduta numru 3[1] l-attur kompla hekk: "*Nixtieq inzid ma' dak li ghidt id-darba l-ohra li ghalkemm ma kontx tant konxju dak iz-zmien, biss kont nara li hi kienet titqazzizni fis-sens illi kienet tqis lill-organu sesswali tieghi bhala xi haga moqzieza u repellenti. Il-fatt li jiena ragel, bil-funzjonijiet sesswali tieghi ta' ragel, ghaliha kien haga moqzieza li ma taccettahix. Is-sesswalita` maskili, ghaliha, ma kellha l-ebda attrazzjoni intrinsika. Kemm il-darba kienet tghid li hi tista' tghaddi sew minghajr relazzjoni sesswali. Darba, per ezempju, meta rat b'ghajnejha egakolazzjoni, deherli illi kienet ser tirremetti*".

6. L-affarijiet ipprecipitaw meta ghall-bidu tas-sena 1993 il-konvenuta regghet bdiet tiltaqa', u anke ghamlet xi zmien tghix, mat-tieni persuna (mara) li maghha, qabel iz-zwieg, hija kellha relazzjoni li tista' tissejjah intima. Wara li intemmet din ir-relazzjoni ma' din il-mara, l-konvenuta bdiet iddahhal id-dar habiba ohra mara; pero` x'relazzjonijiet ezattament kien hemm ma' din it-tieni mara ma hux car. Dwar ir-relazzjoni tal-konvenuta ma' l-ewwel mara, l-attur jghid hekk (seduta numru 3): "*Wara ftit tax-xhur marti stqarret mieghi li lejn din il-persuna kienet qed thoss gibda fizika. Qaltli ukoll li hi kienet qed thoss ukoll gibda lejn persuni femminili in generali; kienet tghid li sesswalment hi differenti. Per ezempju kienet qaltli li issa tifhem kif dejjem kienet tqis gisem ta' mara bhala perfett. Kont qieghed nara li go fiha kien qed isehh certu gharfien sesswali li qabel kien ripress, jew li qabel ma kellhiex. Meta sirt naf b'dak li thoss, fhimt l-implikazzjoni tal-hbiberija ta' marti mal-habiba. Meta tkellimna dwar x'kien qed*

[1] B'kollox inzammu 22 seduta quddiem il-periti. Din il-Qorti, naturalment, mhux ser toqghod tirrepeti dak kollu li inghad f'dawn is-seduti mill-partijiet u minn zewg xhieda ohra – omm il-konvenuta u missier l-attur.

*jigrilha, jien ghidtilha dawn il-precizi kelmiet: "Inti mara matura. Taf sa fejn ghandek tasal." Mhux in-natural tieghi li nimponi bit-tisbit u theddid. F'dik is-sitwazzjoni, hekk hassejt li kelli nghidilha -- billi nappella ghas-sens ta' responsabbilta` taghha. Izda zidt nghidilha wkoll li jien ridt nibqa' l-ewwel ghaliha. Hija wiegbet li ma riditx titlifni ghax thobbni izda qalet li thobb lill-ohra wkoll. Eventwalment ammettiet li kien ikollha relazzjonijiet sesswali regolari maghha. Ir-reazzjoni tieghi ghal dan kien li bhala bniedem li nhobb nifhem il-motivazzjonijiet li jista' jkollu haddiehor -- jien hassejt li, forsi hi, psikologikament kellha bzonn ta' esperjenza bhal dik biex issib certu bilanc sesswali. Fil-fatt, ghalija, kien ta' pjacir li ninnota li fl-att sesswali ta' bejnietna kienet qisha tiehu aktar gost meta sahansitra kont nissuggerilha biex tahseb fil-persuna l-ohra. Qisu, li ghall-ewwel darba, l-att sesswali, fih innifsu, kien qed ikun ta' sodisfazzjon ghaliha -- wara seba' snin. Din is-sitwazzjoni damet ghal xi gimghat…matul din l-istorja kollha ta' relazzjonijiet ma' nisa f'dan il-periodu, hi kienet tinsisti, meta titkellem mieghi li lejn irgiel qatt ma ngibdet sesswalment, u li thossha differenti.*" Ftit wara l-kontendenti sseparaw, u l-attur beda din il-kawza ghall-annullamant taz-zwieg.

7. Il-konvenuta ma tichadx il-gibdiet li hija kellha lejn persuni femminili (ara in partikolari d-deposizzjoni taghha fis-seduta numru 13, u specjalment it-twegiba ghall-mistoqsija ta' qabel l-ahhar[2]); anqas ma tichad ir-relazzjonijiet li kellha maghhom qabel iz-zwieg, jew ir-relazzjonijiet li kellha ma' zewg nisa matul iz-zwieg; izda hi tikkontendi, bazikament, li matul iz-zwieg hi giet "imbuttata" f'dawn ir-relazzjonijiet minhabba l-bruda ta' zewgha f'dik li hi affettivita` in generali. Li l-karattru u l-personalita` tal-attur kienu tali li ma kienux ta' inkoraggiment u ghajnuna ghaliha sabiex tikkoltiva l-aspett eterosseswali fil-personalita` taghha gie determinat mill-perit psikjartra fir-relazzjoni tieghu. In fatti il-kompjant Dott. Joseph Pullicino wasal ghas-segwenti konkluzzjonijiet wara li ezamina l-provi kollha u, naturalment, anke wara li ezamina lill-kontendenti: (1) illi l-konvenuta hija persuna bisesswali bi <u>preferenzi li jxaqilbu prevalentement</u> lejn l-

---

[2] "Twegiba: Nispjega li meta rajt il-*casette* u kkrollali kollox, dan kien ghaliex intbaht li Anthony kien qieghed jiehu interess f'nisa ohrajn, izda mhux fija. Li gara kien, li jien ftaht qalbi maghha u darba infqajt nibki u hi tatni solljev u qaltli li l-irgiel kollha jaghmlu hekk. Ghall-bidu r-relazzjoni tieghi maghha kienet normali ta' habiba, sakemm din zviluppat bil-mod il-mod f'relazzjoni intima. Din hadet iz-zmien. Ghaddew xi tmien xhur sabiex ir-relazzjoni taghna saret intima. Bqajna ghaddejjin b'din it-tip ta' relazzjoni intima ghal xi erba' xhur."

omosesswalita` (sottolinear tal-Qorti), (2) illi din l-anomalija hija fattur kostituzzjonali fil-personalita` taghha u mmanifestat ruhha ghall-ewwel darba fil-puberta` u fl-adolexxenza, (3) illi certi karatteristici fil-personalita` ta' l-attur kienu sfavorevoli u skoragganti biex il-konvenuta tikkoltiva l-aspett eterosesswali tad-dimensjoni sesswali fil-personalita` taghha (sottolinear ukoll ta' din il-Qorti), u (4) illi dan l-orjentament fir-relazzjonijiet sesswali tal-konvenuta holoq u ghadu johloq impediment serju ghall-qadi tad-dmirijiet u responsabbilitajiet taghha fil-hajja mizzewga. Dwar din ir-raba' konkluzzjoni din il-Qorti ser tikkummenta aktar tard.

8. Il-perit legali eskludiet, bhala ragunijiet ghall-annullament, tlieta mill-erba' kawzali migjuba mill-attur. Kwantu ghall-ewwel kawzali, jigifieri li l-kunsens tieghu inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-konvenuta li tista` mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, l-imsemmija perit legali gustament osservat li l-attur kien jaf bit-tendenzi lesbici tal-konvenuta. Huwa veru li huwa qal li dak iz-zmien, cioe` meta l-konvenuta – allura l-gharusa tieghu – qaltlu biz-zewg relazzjonijiet li kellha qabel ma saret taf lilu, hu ma fehmx ghal kollox l-implikazzjonijiet ta' dak li kienet qed tghidlu u assuma li din kienet semplici avventura tal-adolexxenza taghha; jibqa' l-fatt, pero`, li l-informazzjoni tathielu liberament il-konvenuta, u kieku gharaf juzaha huwa kien jirrealizza li seta' jkun hemm diffikultajiet aktar 'l quddiem fil-hajja mizzewga taghhom. Ghalhekk ma jistax issa jghid li gie imqarraq.

9. It-tieni raguni ghala l-attur qed jitlob l-annullament hija ghax qed jghid li l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha. Kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 kemm-il darba jirrisulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu

decizzjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju (ara, ***Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri***, P.A., 10/11/95). Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju (***Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt***, P.A., 15/4/96). Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f’dan is-sens, fost ohrajn, ***Jacqueline Cousin v. Bernard Simler***, P.A., 3/6/98; ***Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar***, P.A. 19/10/98; u ***Carmelo Grima v. Mary Andrews***, P.A., 2/11/98). Hawnhekk ukoll l-abbili perit legali kkonkludiet, kemm a bazi tal-provi li semghet kif ukoll fuq l-iskorta tar-relazzjoni tal-perit psikjatra, li ma gie ppruvat b’ebda mod li kien hemm dana d-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fir-rigward tal-kunsens tal-konvenuta. Wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha, hija taqbel mal-konkluzzjoni tal-imsemmija perit legali. Huwa veru li s-Sinjura Mariella Blackman, fir-rapport taghha (fol. 78), tasal ghal konkluzzjoni differenti. Dwar dan ir-rapport din il-Qorti tosserva biss li huwa car mill-ahhar faccata tieghu (il-“Konkluzzjoni”, p. 81) li din il-psikologa – prodotta bhala espert *ex parte* mill-konvenuta – ghandha idea kompletament differenti minn dik tal-Qorti dwar x’jammonta ghal “difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju” ghall-fini tal-Artikolu 19(1)(d) imsemmi. In fatti hija tekwipara dak li hija ssejjah “nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju biex wiehed jifhem ir-responsabilitajiet taz-zwieg” ma’ “nuqqas ta’ preparazzjoni ghaz-zwieg”, ma’ “immaturita` ta’ karattru”, kif ukoll ma’ ghaggla zejda ghaz-zwieg: tnejn minn dawn it-tlett affarijiet ftit li xejn jincidu fuq il-kuncett ta’ “difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju” kif aktar ‘l fuq imfisser. Inoltre dana r-rapport huwa bbazat in parti fuq l-“intervisti psikologici” li l-imsemmija Mariella Blackman kellha mal-konvenuta; traskrizzjoni ta’ dawn l-“intervisti”, pero`, qatt ma giet prodotta.

10 L-attur qed jitlob ukoll l-annullament taz-zwieg minhabba simulazzjoni (totali jew parzjali). F’dan ir-rigward din il-Qorti taghmel taghha is-

segwenti bran mill-konkluzzjoni tal-perit legali: "*Dan ifisser li l-attur qed jghid illi meta tat il-kunsens il-konvenuta jew riedet tidhol f'relazzjoni li ma hix kompatibbli maz-*zwieg *u teskludih ghal kollox (simulazzjoni totali) jew inkella [riedet] teskludi l-obbligu tal-fedelta`, il-kwalita` tal-indissolubilita` taz-zwieg, jew li z-zwieg ikun miftugh ghall-ulied (simulazzjoni parzjali). L-esponenti hija tal-fehma li ma jistax jinghata l-annullament ghal din ir-raguni. Ma ingiebet ebda xhieda biex turi illi l-konvenuta dahlet fiz-zwieg bi skop differenti minn l-iskop essenzjali taz-zwieg innifsu u lanqas [li] riedet teskludi xi wiehed mill-*bona *taz-zwieg*" (pagna 16 tar-relazzjoni).

11 Tibqa', ghalhekk, biex tigi kkunsidrata l-allegazzjoni ta' anomalija psikologika serja fil-konvenuta li ghamlitha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kif aktar 'l fuq imfisser, jekk parti fiz-zwieg, minhabba xi anomalija psikologika serja, ma <u>tkunx tista' taghti</u> (mhux semplicement ma taghtix) lilha nnifisha <u>fit-totalita` taghha</u> lill-parti l-ohra b'mod permanenti, kontinwu u esklussiv – tali ghotja hi wahda mill-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg – allura, jekk tali anomalija tkun tissussisti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ikun hemm id-difett tal-kunsens ravvizat fit-tieni parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255.

12 Fis-sentenza tat-Tribunal Ekklesjastiku Malti tas-16 ta' Awissu, 1997, *coram* Bajada, aktar 'l fuq imsemmija, jinghad li fil-kaz ta' persuna li timmanifesta tendenzi omosesswali jew lesbici wiehed irid l-ewwel u qabel kollox jistabilixxi b'mod oggettiv in-natura vera tal-kondizzjoni ta' dak li jkun, kif ukoll jekk it-tendenza omosesswali jew lesbika kienitx it-tendenza <u>prevalenti</u> f'dik il-persuna: "*The person's true condition must be objectively evaluated with the help of an Expert in order for the Judge to assess properly its gravity or otherwise, which is of extreme importance in deciding on the persons's capacity to marry. "E` infatti comunemente inteso che non qualsiasi orientamento della pulsione e nemmeno qualsiasi comportamento omosessuale, e` suscettibile di mettere in discussione la validita` del matrimonio. Non solo possono esserci infatti comportamenti omosessuali viziosi o sostitutivi (in persone costrette a condizioni di vita particolari, p.e. carcerati), ma anche tendenze omosessuali che non giungono mai ad una manifestazione pratica (addirittura possono essere latenti) o che vi giungono in maniera episodica, senza poter dire che la tendenza*

*occupi prevalentemente la personalita` del soggetto. In questi casi, e` assai dubbio parlare di incapacita`: perche' cio` sia possibile, occorre allora verificare la severita` della situazione, adempiendo la condizione posta dalla giurisprudenza* si revera gradum attingant superiorem*...In such cases the psychiatrist can point out which is the prevailing tendency, which episodes are to be attributed to an anomalous psychic structure or which are merely passing or temporary ones…A decision coram Colagiovanni points out: "When it is a matter of homosexuality (and by no means or not necessarily of homogenitality) one must find out the prevailing tendency in the contracting party who, even if he can physically have relations with both sexes, psychically at least, he would prefer one to the other, and "in sexual relations exclusively or mainly chooses a partner of the same sex". And he concludes: "Indeed, one cannot conclude that such a person who is able to perform genital acts also with women, and even with his partner in marriage, can exchange sexual obligations"*(pp. 421-423).

13 It-tlett mistoqsijiet, ghalhekk, li jridu jsiru huma dawn: jekk it-tendenzi omosesswali (ossia lesbici) tal-konvenuta kienux ta' entita` tali li jistghu jissejhu "prevalenti" fil-kostituzzjoni psikika taghha; jekk dawn it-tendenzi, anke jekk kienu ghal xi zmien latenti, kienux jaghmluha impossibbli (mhux semplicement difficli) ghall-istess konvenuta li taghti lilha nnifisha fit-totalita' taghha lill-attur b'mod permanenti, kontinwu u esklussiv; u jekk din l-anomalija kienitx tezisti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali. Fid-dawl tal-paragrafi 16, 18 u specjalment tal-paragrafu 19 tar-relazzjoni tal-perit psikjatra u fid-dawl tal-konkluzzjonijiet tieghu (ga riportati aktar 'l fuq f'din is-sentenza, paragrafu 7), kif ukoll fid-dawl tal-provi kollha li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa u hasbet fit-tul fuqhom, hi l-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti li t-twegiba ghat-tlett mistoqsijiet ghandha tkun fl-affermattiv. Fil-paragrafi 16, 18 u 19 tar-relazzjoni tieghu, il-perit psikjatra jghid hekk: *(16) L-omosesswalita` mhux bil-fors timmanifesta ruhha b'mod car fil-bidu taz-zwieg. It-tahlita ta' tendenzi omosesswali u eterosesswali kif jidher li ghandha l-konvenuta, thalli attivita` eterosesswali bizzejjed biex tkun tista' tkabbar familja ghad illi l-bzonnijiet omosesswali jibqghu fl-isfond sakemm fatturi ambjentali jipprecipitaw il-bzonn tas-sodisfazzjon taghhom. (18) Wiehed irid iqis l-importanza tal-fatt illi l-konvenuta fil-bisesswalita` taghha kienet iktar taghti priorita` ghal*

*dimostrazzjoni ta' affezzjoni waqt l-att konjugali milli ghall-aspett fiziku ta' l-att innifsu. Kif qalet hija stess lill-attur "li meta jkun hemm l-imhabba, is-sess huwa ta' pjacir – irrelevanti jekk hux ma' mara jew ragel". Il-konvenuta tghid pero` illi stimoli artificjali bhal m'huma il-pornografija, oral sex, posizzjonijiet differenti li kien ihobb l-attur, ma kienux ihajruha. B'dana kollu hija tasserixxi (fl-ahhar tas-seduta 15) illi: "fir-relazzjoni tieghi mar-ragel, kelli sodisfazzjon u anke kelli orgazmu shih". Anki l-istess attur fis-seduta numru 9 jghid li "kien hemm okkazzjonijiet ta' sess normali u cioe` jien kont inkun sodisfatt fizikament u sodisfatt ghax nara li hi qed tiehu gost ukoll. Dan kien fil-periodu bejn l-1989 u l-1993". (19) Wiehed irid jaghmilha cara illi il-preferenza tal-konvenuta ghal socja ta' l-istess sess mhix xi kapricc tal-mument imma hija bazata fuq sentimenti profondi u spinta qawwija ghal relazzjoni emozzjonali u sesswali ma' persuna ta' l-istess generu* (sottolinear tal-Qorti).

14 Ghall-korrettezza, u kif diga nghad aktar '1 fuq f'din is-sentenza, il-perit psikjartra rrikonoxxa wkoll il-kontribut tal-attur, bl-aspetti negattivi fil-personalita` tieghu, sabiex it-tendenzi xi ftit jew wisq latenti fil-personalita` tal-konvenuta jemergu fid-deher wara l-1992. In fatti fil-paragrafu 24 tar-relazzjoni tieghu jinghad hekk: *"...Dan in-nuqqas [fil-personalita`] da parti ta' l-attur kompla jxaqleb lill-konvenuta iktar favur l-aspett omosesswali fil-bisesswalita` taghha ghaliex kemm l-"overtures" u l-istedini impliciti u espliciti li kienet taghmillu baqghu jigu injorati. Il-konvenuta tghid illi kienet thossha "neglected" hafna u "ma kontx inhossni mara shiha. Meta jien kont nurih li nixtiequ, kont nibqa' nistenna, u din kont inhossha sew".*

15 Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-attur ipprova, sal-grad rikjest f'kawzi civili, jigifieri sal-grad tal-probabbli, li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

16 Ghall-motivi premessi, tilqa' t-talba ta' l-attur u konsegwentement tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-14 ta' Frar, 1987 (Att ta' Zwieg 130/1987) null u bla effett ghall-finijiet u effetti tal-ligi civili u fis-sens tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255. In vista tal-komplessita` u, sa certu punt, tan-novita` tal-kaz, l-ispejjez ghadhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, id-dritt tar-registru jithallas mill-konvenuta.